MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1728/1994/1

**Paul Vella u John Vella ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' General Concrete Limited**

**vs**

**Anthony Guillaumier u Louis Padovani, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Concrete Products Limited u l-istess Anthony Guillaumier u Louis Padovani f'isimhom proprju**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi nomine ppremettew:-

Illi bi ftehim datat is-sebgha (7) ta' Novembru, 1994, bejn is-Socjeta' attrici u s-Socjeta' konvenuta, il-partijiet qablu

reciprokament li l-atturi nomine jixtru u jakkwistaw minghand is-Socjeta' konvenuta l-impjant u l-makkinarju ghall-produzzjoni ta' pilastri tal-konkrit u prodotti tal-konkrit, inkluz l-ghodod kollha u l-istokk debitament inventarjat, li kienu jinsabu fil-fabbrika gestita mill-istess socjeta' konvenuta fil-qasam industrijali f'Ta' Qali, flimkien mal-ghamara tal-ufficini relattivi, u dan versu l-prezz ta' tlitt mitt elf lira maltin (Lm300,000), u taht il-patti u l-kondizzjonijiet kollha hemm indikati (Dok A);

Illi fl-imsemmija okkazzjoni, l-atturi nomine hallsu lis-socjeta' konvenuta tletin elf lira (Lm30,000) akkont mill-imsemmi prezz, u gie miftiehem terminu ta' hmistax il-jum, prorogabbli skond kif stipulat fil-ftehim innifsu, sabiex l-istess atturi nomine jiffinalizzaw il-finanzjament tax-xiri, u hwejjeg ohra sabiex ikun jista' jsirilhom il-bejgh definittiv tal-effetti u l-assi fuq imsemmija;

Illi l-konvenuti fil-kwalita' taghhom premessa, kwasi minnufih wara l-iffirmar tal-ftehim fuq riferit, bdew negozjati ma' terzi persuni dwar il-mertu tal-istess ftehim, u bdew jevitaw lill-atturi b'mod li ppruvaw jehilsu mill-obbligu minnhom assunt li jbieghu lill-istess atturi l-effetti w assi fuq imsemmija u milli jersqu ghall-iffirmar tal-ftehim;

Illi qabel ma skada t-terminu originali, l-atturi nomine kienu ghamlu arrangamenti ghall-iffinanzjar tal-bejgh, u dahlu f'rabtiet ma' terzi konsistenti f'tehid ta' ordnijiet ta' esekuzzjoni ta' xoghol tal-konkos u prodotti ta' konkrit, u, minbarra dan, kienu ukoll interpellaw ufficjalment lill-konvenuti nomine, sabiex jaddivjenu ghall-ftehim;

Illi mhux biss il-konvenuti baqghu inadempjenti, imma, fi ftit jiem wara li gew notifikati bl-imsemmija ittra ufficjali, huma ressqu proposti godda ghall-ftehim lill-esponenti, u, fl-istess hin, ikkonkludew ftehim finali ma' terzi persuni, u dan b'qerq ghall-istess atturi, li kienu qeghdin jistennew li jikkonkludu l-ftehim orginarjament pattwit;

Illi matul dan il-perjodu kollu, is-socjeta' konvenuta baqghet izzomm l-ammont depositat maghha fl-okkazjoni tal-iffirmar tal-konvenju;

Illi bl-agir tal-konvenuti, fil-kwalita' taghhom premessa, is-socjeta' attrici garrbet danni u telf sostanzjali, konsistenti f'telf ta' esekuzzjoni ta' ordnijiet, spejjez u imghaxijiet okkazjonanti minn self mehud mill-bank u spejjez konnessi mal-formazzjoni ta' socjeta' kummercjali u arrangamenti konnessi, li kienu mehtiega ghall-finalizzazzjoni tal-ftehim, kif ghandu jigi ppruvat ahjar;

Ghalhekk l-atturi nomine talbu li l-konvenuti, fil-kwalita' taghhom premessa, jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddeciedi li huma responsabbli ghad-danni kawzati lill-atturi nomine, prevja, jekk mehtiega, d-dikjarazzjoni li l-istess konvenuti rrendew ruhhom unikament responsabbli w hatja lejn l-atturi ta' ksur tal-ftehim maghmul fis-7 ta' Novembru 1994, kif fuq inghad;

2. tillikwida, bil-hidma ta' perit minnha mahtur, id-danni hekk kawzati mill-konvenuti; u

3. tikkundannhom, jew lil min minnhom, li jhallsu l-ammont hekk likwidat lill-atturi nomine, in linea ta' danni;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Novembru, 1994, kontra l-konvenuti proprio u nomine, li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti proprio et nomine fejn gie eccepit:

1. Illi in kwantu Anthony Guillaumier u Louis Padovani gew imharrka f'isimhom proprju huma ma ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi in kwantu huma gew imharrka in rappresentanza ta' "Concrete Products Limited", is-socjeta' konvenuta ma kinetx responsabbli ta' ebda ksur tal-ftehim tas-7 ta' Novembru 1994 u lanqas ta' kwalunkwe danni li setghet sofriet is-socjeta' attrici.  Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti propio et nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Dicembru 1999;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni s-socjeta attrici tghamel referenza ghal ftehim bid-data tas-7 ta' Novembru 1994 li gie ffirmat minn naha l-wahda mis-socjeta' konvenuta Concrete Products Limited u minn naha l-ohra mis-socjeta' attrici General Concrete Limited. Mill-kopja esibita ta' din l-iskrittura (fol.66 sa 69) jirrizulta li b'dan il-ftehim, li hu fil-forma ta' konvenju, s-socjeta konvenuta ppromettiet u obbligat ruhha li tittrasferixxi u tbiegh lis-socjeta attrici li accettat u obbligat ruhha u ppromettiet li tixtri u takkwista l-impjant u l-makkinarju kollu ghall-produzzjoni ta' pilastri tal-konkrit esistenti fil-fabbrika tas-socjeta konvenuta li tinsab fil-Qasam Industrijali ta' Ta' Qali. Inkluzi fl-assi li kellhom jinbieghu kien hemm id-drittijiet kollha lokatizji rigwardanti l-istess sit f'Ta Qali, li hu proprjeta tal-Korporazzjoni Maltija tal-Izvilupp jew tad-Dipartiment tal-Artijiet, il-materjal kollu ("stocks") li kien jinsab fl-istess fabbrika u l-ghamara kollha esistenti fl-ufficini;

Is-socjeta attrici inoltre tippremetti li minnufih wara l-iffirmar ta' dan il-ftehim is-socjeta konvenuta bdiet negozjati ma terzi dwar il-bejgh tal-istess assi u bdiet tipprova tehles mill-obbligi taghha skond l-imsemmi konvenju. Is-socjeta attrici ssostni li, entro t-terminu tal-validita' tal-konvenju, saru l-arrangamenti kollha finanzjarji sabiex ikun jista jsir it-trasferiment definittiv. Inoltre s-socjeta attrici tallega li accettat ordnijiet u dahlet f'rabtiet ma terzi in vista ta' dan l-akkwist li kienet ser tghamel;

Is-socjeta attrici tkompli tippremetti li s-socjeta konvenuta naqset li tersaq ghat-trasferiment definittiv u minflok bieghat l-istess assi in kwestjoni lill-terzi u dan b'qerq ghad-dannu tas-socjeta attrici. Dan l-agir tas-socjeta konvenuta kkawza danni u telf sostanzjali lis-socjeta attrici, li appuntu f'din l-azzjoni, qed titlob li jigu likwidati d-danni u li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas id-danni hekk likwidati;

Din l-azzjoni hi diretta mhux biss kontra s-socjeta konvenuta izda ukoll personalment kontra zewg rappresentanti tal-istess socjeta konvenuta. Dawn iz-sewg rappresentanti personalment qed jeccepixxu li huma ma ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici. Da parti taghha s-socjeta' konvenuta teccepixxi li mhux responsabbli ghall-ebda ksur tal-kondizzjonijiet tal-konvenju u lanqas ma hi responsabbli ghal xi danni li setghet sofriet is-socjeta' attrici;

Ghal finijiet ta' dawn il-proceduri hu essenzjali, li jigi esaminat bir-reqqa u dettaljatament l-imsemmi ftehim tas-7 ta' Novembru 1994. In effett jidher li dan il-ftehim hu l-bazi ta' din l-azzjoni. Oltre il-kondizzjonijiet u l-pattijiet l-ohra kollha kif kontenuti fl-imsemmi ftehim, ghandu jigi rilevat, f'dan l-istadju, li l-partijiet ftehemu li l-prezz ta' dan il-bejgh kellu jkun ta' Lm300,000 u li l-att definittiv tat-trasferiment kellu jigi ffrimat fi zmien hmistax (15) il-jum.

Is-socjeta attrici rriservat li tholl lilha nnifisha minn l-obbligi minnha assunti b'dan il-ftehim jekk ma tigix rikonoxxuta bhala l-inkwilina mis-sidien tal-fabbrika jew sit in kwestjoni. Fl-ahhar nett il-partijiet ftehemu li s-socjeta konvenuta setghet tibda jew tkompli negozjati ma terzi dwar il-bejgh tal-istess assi. Inoltre s-socjeta konvenuta kellha toqod ghall-obbligi kollha minnha assunti b'dan il-ftehim u bl-ebda mod ma setghet tippregudika d-drittijiet tas-socjeta attrici. Din l-ahhar klawzola mhux daqstant cara. In vista tar-rizultanzi u tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz din il-klawsola ghandha tfisser li s-socjeta konvenuta setghet tkompli kif ukoll tibda negozjati ma terzi dwar il-bejgh tal-istess assi, fi kwalunkwe kaz pero', l-istess socjeta konvenuta kellha toqod ghall-obbligi kollha taghha assunti b'dan il-ftehim kemm il-darba jkun hemm il-kondizzjonijiet kollha, ai termini tal-istess ftehim, sabiex ikun jista jsir il-bejgh definittiv lis-socjeta attrici;

Jirrizulta li mal-imsemmi ftehim is-socjeta attrici hallset lis-socjeta konvenuta bhala depositu is-somma ta' tletin elf liri maltin (Lm30,000). Is-socjeta attrici ssostni li l-imsemmi terminu ta' hmistax (15) il-jum kien intiz sabiex hi tkun tista tiffinalizza l-finanzjament halli jkun jista isir it-trasferiment definittiv tal-assi in kwestjoni. Is-socjeta konvenuta ssostni li dan l-istess terminu ta' hmistax il-gurnata kien intiz sabiex is-socjeta attrici tghamel dak kollu li kien necessarju halli jkun jista jsir it-trasferiment definittiv inkluz li tassikura li s-sidien tal-fabbrika minn fejn kienet topera s-socjeta konvenuta kienu ser jirrikonoxxuha bhala l-inkwilina tal-istess sit;

It-terminu miftiehem hu wiehed qasir hafna. Il-partijiet, pero', qabblu dwar dan it-terminu u ghalhekk jidher li huma kienu ben konsapevoli tal-implikazzjonijiet kollha relattivi. Is-socjeta attrici ghalhekk qablet li entro l-imsemmi terminu hija kella tara li minn naha taghha kollox

kellu jkun definit sabiex seta jsir it-trasferiment definittiv. In effett il-partijiet ftehemu li dan it-terminu seta' jigi estiz pero' ma jirrizultax li l-partijiet qabblu li t-terminu jigi prorogat;

Is-socjeta attrici ghalhekk kellha tassikura li entro z-zmien pattwit tiffinalizza l-finanzjament u tottjeni r-rikonoxximent tas-sidien bhala l-inkwilina tas-sit in kwestjoni. Ma jirrizultax, pero', li s-socjeta attrici ffinalizzat dan kollu entro l-imsemmi terminu;

Dwar il-finanzjament hemm biss konferma da parti ta' diretturi tas-socjeta attrici li f'dan ir-rigward kollox kien finallizzat entro iz-zmien pattwit. Is-socjeta attrici, pero', naqset li tipproduci provi li jikkonfermaw din li ghandha titqies bhala allegazzjoni tad-diretturi tas-socjeta attrici. Jidher ukoll li dak li kien ser isir dwar dan il-finanzjament kien xi ftit komplikat u x'aktarx li kien hemm bzonn periodu ta' zmien itwal mit-terminu in kwestjoni. Difatti f'dan ir-rigward jirrizulta li l-bank li gie involut kien irrikjeda li tigi registrata socjeta kummercjali gdida sabiex tmexxi f'isimha l-progett in kwesjoni. Jidher li din is-socjeta il-gdida giet  registrata. Ma ngiebet ebda prova ohra sabiex jigi konfermat li dan kollu sar entro t-termine pattwit. Id-diretturi tas-socjeta attrici komplew jghidu li l-istess bank talab li jinghataw certi garanziji. Inoltre l-istess bank, minhabba n-nuqqas ta' zmien, ma lehaqx iffinalizza l-operazzjoni bankarja u ghalhekk gie deciz li socjeta ohra, li d-diretturi taghha kienu komuni ghas-socjeta attrici u ghas-socjeta l-gdida li kienet ser tmexxi l-progett, kellha tiffinazzja hi dan it-trasferiment u eventwalment din is-socjeta tigi rimborsata permezz tal-eventwali self li kien ser jikkoncedi l-bank involut. Anke f'dan ir-rigward ma ingiebet ebda prova estranea sabiex dan kollu jigi konfermat;

Hemm ammissjoni da parti tad-dirigenti tas-socjeta attrici fis-sens li huma ma lehqux ottjenew, entro l-imsemmi terminu, l-assikurazzjoni tas-sidien tas-sit in kwestjoni li s-socjeta attrici kienet ser tigi rikonoxxuta bhala inkwilina tal-istess sit. Minhabba f'hekk is-socjeta attrici ttantat tinnegozja kondizzjonijiet godda mas-socjeta konvenuta

dwar it-trasferiment. Hu ovvju li s-socjeta konvenuta ma kinitx tenuta li taccetta kondizzjonijiet godda, li ma kinux inkluzi fil-konvenju. Hu minnu li ghar-rigward ta' dan ir-rikonoxximent is-socjeta attrici, fil-ftehim, irriservat id-dritt li tinhall mill-obbligi minnha assunti f'kaz li ma jkunx hemm dan ir-rikonoxximent. Pero' jirrizulta li s-socjeta konvenuta kienet qed tbigh ukoll d-drittijiet lokatizzji li ovvjament jinkludu li jkun hemm rikonoxximent tal-inkwilin il-gdid minn naha tas-sidien. Lanqas ma jista jinghad li kien hemm xi dubji dwar id-drittijiet lokatizzji a favur tas-socjeta konvenuta stante li jirrizulta li din tal-ahhar kienet qed thallas il-kera, li kienet qed tigi accettata mis-sidien;

Jigi rilevat ukoll li jista jkun hemm kontradizzjoni li s-socjeta konvenuta tassenja l-lokazzjoni u fl-istess hin tibqa tghamel tajjeb ghal-hlas tal-kera, b'riskju ulterjuri li dawn id-drittijiet setghu jintilfu minhabba l-istess trasferiment. Ghalhekk kellu jkun hemm xi tip ta' assikurazzjoni dwar ir-rikonoxximent tas-socjeta attrici bhala l-inkwilina qabel ma jsir it-trasferiment definittiv. Dawn l-assikurazzjonijiet ma gewx ottjenuti qabel ma skada t-terminu tal-konvenju;

In vista ta' dan kollu jirrizulta li s-socjeta attrici ma kinitx lesta li taddivjeni ghall-att definittiv ta' bejgh tal-assi in kwestjoni fiz-zmien pattwit. Tant hu hekk li l-istess socjeta attrici ghazlet li ma tipprocedix skond il-ligi biex tissalvagwarda d-drittijiet taghha naxxenti mill-istess ftehim. Jista ikun li giet presentata ittra ufficjali, pero' din ma gietx segwita b'citazzjoni skond kif titlob il-ligi;

Is-socjeta attrici ghazlet li tipprocedi ghal-hlas tad-danni u dana ai termini tal-provedimenti tal-artikolu 1357 tal-Kodici Civili. Ma jirrizultax, pero', li s-socjeta konvenuta wara li gie ffirmat il-konvenju agixxiet b'mod irregolari jew b'tali mod li tista tigi ritenuta responsabbli ghal xi danni li setghet sofriet is-socjeta attrici bhala konsegwenza tal-

iffirmar tal-istess konvenju. Inoltre t-terminu tal-konvenju kien tant qasir li hu prattikament impossibli li s-socjeta attrici setghet lehqet assumiet xi obbligi versu terzi, kif tallega l-istess socjeta attrici. Anke f'dan ir-rigward is-socjeta attrici naqset li tipproduci provi in sostenn ta' dawn il-pretensjonijiet;

In vista tal-premess it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta konvenuta ma jrrizultawx sufficjentement ippruvati u ghalhekk ma jistghux jigu akkolti. Ma jirrizultax pruvat li s-socjeta konvenuta kienet responsabbli ghal xi ksur tal-ftehim in kwestjoni u ghalhekk zgur li m'ghandiex tigi ritenuta responsabbli ghad-danni li setghet sofriet is-socjeta' attrici. L-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta ghalhekk ghandom jigu akkolti;

Lanqas ma jistghu jigu akkolti t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti Anthony Guillaumier u Louis Padovani personalment. Jirrizulta li l-imsemmija zewg konvenuti dejjem agixxew skond il-kariga taghhom ta' rappresentanti tas-socjeta konvenuta u f'isem u ghan-nom tal-istess socjeta knvenuta. Ghalhekk ma jirrizultax li hemm relazzjoni guridika bejn l-imsemmija zewg konvenuti personalment u s-socjeta' attrici. B'hekk l-eccezzjoni tal-konvenuti personalment ghandha tigi akkolta;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u fit-tieni lok billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra s-socjeta attrici.